MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 644/2004

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-
11 ta' Jannar 2008 l-isem tas-socjeta'
attrici gie mibdul ghal "Go p.l.c."**

**Vs**

**Emanuel Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, u tmenin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2080.42) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21375928 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Melita Court, Appartament Nr. 3, Triq is-Swieqi, Swieqi u dana kif jirrizulta mill-anness Dok B. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa

fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjent jecepixxi li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ewwel lok l-eccipjent qatt ma kellu konnessjoni mal-fond bl-isem ta' "Melita Court", Apt 3, Swieqi Road, Swieqi u ghalhekk huwa m'ghandux x'jaqsam mas-servizz telefoniku li nghata mis-socjeta' attrici fl-imsemmi fond u fit-tieni lok minn verifiki kondotti mill-istess eccipjent n-numru kkwotat fl-avviz mis-socjeta' attrici huwa numru telefoniku li ghadu qed jiffunzjona u qed jigi uzat minn haddiehor gewwa fond iehor filwaqt li fuq il-fond "Melita Court" hemm irregistrat numru telefoniku iehor.
2. Illi l-eccipjent jecepixxi illi huwa ma jiftakarx illi qatt ghamel xi applikazzjoni u iffirmaha bhal dik li hemm esebita flimkien ma' l-avviz mis-socjeta' attrici u ghandu r-riserva tieghu kemm dik il-firma hija fil-fatt il-firma tieghu.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat id-digriet taghha moghti fit-28 ta' Frar 2007 (fol 28) u li bih gie nominat bhala espert kaligrafu Joseph Mallia (ara ukoll fol 29 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' attrici pproduciet lil-Avukat Dottor Keith Grech (fol 17 et seq ibid). Dan beda billi qal illi l-konvenut kien tkellem mieghu w iddiskuta diversi numri ta' servizzi ta' telefon li kienu registrati fuq isem l-istess konvenut. Difatti, kien intlahaq qbil fuq diversi minn dawn in-numri hlief in rigward dak imsemmi fl-avviz promotur. Dwar dan in-numru l-konvenut baqa' jinsisti illi ".. dan … ma kienx tieghu u li "l-firma fuq dan id-dokumenti (esebit in atti a fol 5 u markat Dok B) ma kienitx tieghi". Inoltre l-konvenut

kien qal lix-xhud li ma kienx jirrisjedi fil-post imsemmi fl-istess avviz.

Ikkunsidrat

Illi, minhabba dak li ghadu kemm intqal kien gie nominat l-imsemmi espert fil-kaligrafija u dan kif hemm verbalizzat a fol 28 u fol 29 tal-atti. Mir-relazzjoni sottomessa (ara fol 33 u fol 34 et seq ibid u mix-xhieda tal-istess espert, a fol 31 ibid) jirrisulta illi "… hemm diskrepanzi bejn iz-zewg firem fuq is-"subscription form" u l-firem kollha l-ohra rimanenti. Fil-fatt, il-konklusjoni tieghi hija, fi ftit kliem illi l-firem in kwistjoni ma sarux mill-istess bniedem".

Illi dan jfisser illi irrisulta li, filfatt, il-konvenut ma kien iffirma l-ebda applikazzjoni sabiex jigi assenjat lilu servizz ta' telefonija fissa fil-fond specifkat fl-avviz.

Illi, ghalhekk, jidher li dak eccepit mill-konvenut specjalment fit-tieni (2) eccezzjoni, ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------